MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 1104/2007

**Msida Properties**

**vs**

**Express Catering Company Limited u Kentucky Operations Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti nomine ssottometta:

1. Illi l-awtur tar-rikorrenti nomine kien dahal fi ftehim mal-intimata koncernanti l-fond 57, Msida Road, Gzira, u dan permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-nutar Francis Micallef datat 21 ta’ Dicembru 1968 (anness u mmarkat Dok. A);

2. Illi ghalkemm fl-imsemmi kuntratt jinghad illi s-sid qieghed jikkoncedi l-fond taht lokazzjoni, dan l-att fih kondizzjonijiet li huma aktar konsimili ma’ kuntratt ta’ enfitewsi, fosthom id-durata, u l-liberta’ assoluta ta’ trasferiment, assenjazzjoni u ta’ tibdil strutturali, kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors;

3. Illi l-ligi tqis kuntratti simili bhala kuntratti ta’ enfitewsi;

4. Illi ghalhekk jissussistu ragunijiet validi biex dan il-kuntratt, ai termini tal-Artiklu 1498 tal-Kap 16, jitqies bhala kuntratt ta’ enfitewsi;

Ghaldaqstant tghid is-socjeta’ ntimata ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara illi l-kondizzjonijiet mifthiema fil-kuntratt fl-atti tan-nutar Francis Micallef tal-21 ta’ Dicembru 1968, jaqblu izjed mal-ligi ta’ enfitewsi milli ma’ dik ta’ lokazzjoni;

2. Konsegwentement, a tenur tal-Artiklu 1498(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddeciedi u tiddikjara illi ai fini u effetti kollha tal-ligi, l-istess kuntratt huwa wiehed ta’ enfitewsi;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ ntimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta guramentata tas-socjetajiet intimati** a fol. 14 tal-process fejn eccepew:

1. Illi in linea preliminari jigi rilevat illi s-socjeta’ ntimata Express Catering Company Limited kienet biddlet isimha ghall-Food Chain (Holdings) Limited (C 753), u ghalhekk trid issir l-appozita korrezzjoni fl-atti tal-kawza.

2. Illi wkoll in linea preliminari, subordinatament u minghajr pregudizzju, r-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti huwa rritu u null stante li gie mahluf minn, u qieghed jidher, socju wiehed tas-socjeta' rikorrenti, in rapprezentanza ta' l-istess socjeta', mentri l-istatut ta' l-istess socjeta' (kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A') jipprovdi li r-rapprezentanza guridika tas-socjeta' rikorrenti hija vestita f'zewg socji.

3. Illi wkoll in linea preliminari, subordinatament u minghajr pregudizzju, s-socjeta' rikorrenti trid tipprova li fil-mument li giet intavolata l-kawza odjerna hija kellha titolu fuq il-fond in kwistjoni, u l-interess guridiku taghha li tippromwovi l-istess kawza in kwantu l-istess socjeta' rikorrenti ma kinitx parti fil-ftehim tal-21 ta' Dicembru, 1968.

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, fil-mertu t-talbiet rikorrenti huma preskriti a tenur tal-Artiklu 2143 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, fil-mertu t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti ma jezistux ragunijiet validi ghaliex il-ftehim tal-21 ta' Dicembru, 1968 ghandu jitqies bhala kuntratt ta' enfitewsi, u dan kif ser jirrizulta ahjar, waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, t-talbiet rikorrenti huma legalment insostenibbli in kwantu l-pretenzjonijiet rikorrenti ma jinkwadrawx ruhom fit-termini tal-Artiklu 1498(1) tal-Kodici Civili li fuqu s-socjeta' rikorrenti qieghda tibbaza r-rikors guramentat taghha.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat id-digriet a fol. 37 tal-process li bih zdiedu l-kliem "illum Food Chain (Holdings) Limited" fl-okkju tar-rikors;

Rat id-digriet tas-27 ta' Frar 2008 li bih il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni tar-rikors fis-sens li jithassru l-kliem "Andre Tabone ghan nom u in rapprezentanza ta' "mill-okkju biex ir-rikorrenti fil-kawza issa hi "Msida Properties".

Rat ir-rikors tal-10 ta' April 2008 li bih l-intimati talbu decizjoni fuq it-tieni eccezzoni taghhom;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti;

**Tieni eccezzjoni**

Fit-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati qed jghidu li r-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti huwa rritu u null stante li gie mahluf minn, u qieghed jidher, socju wiehed tas-socjeta' rikorrenti, in rapprezentanza ta' l-istess socjeta', mentri l-istatut ta' l-istess socjeta' jipprovdi li r-rapprezentanza guridika tas-socjeta' rikorrenti hija vestita f'zewg socji.

**Kontestazzjoni**

L-intimati jissottomettu li bid-decizjoni taghha tas-27 ta' Frar 2008 l-Qorti ma ddisponietx mit-tieni eccezzjoni billi d-decizjoni ma tirriferiex ghal fatt li r-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti gie mahluf minn socju wiehed u mhux tnejn kif jitlob l-istatut ta' l-istess socjeta'. Huma jsostnu li n-nullita' mqajjma hija implicita fl-artikolu 181(A)(2) tal-Kap 12.

Ir-rikorrenti wiegbu li Andre Tabone kien awtorizzat li jaghmel id-dikjarazzjoni guramentata meta pprezenta r-rikors kif jirrizulta mid-Dok XX u dana ghandu jissodisfa r-rekwizit ta' l-artikolu 181(A)(2) Kap 12. Inoltre n-nullita' mqajjma mill-intimati mkien fil-ligi ma hi msemmija fil-Kodici.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi skond l-artikolu 181A (1) "Meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità guridika distinta, ikun bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp".

Fil-fatt bil-korrezzjoni awtorizzata minn dina l-Qorti, llum is-socjeta' Msida Properties, hi biss il-parti fil-kawza bhala rikorrenti. L-intimati pero' jinsistu li meta gie prezentat ir-rikors guramentat kellhom jiehdu l-gurament zewg diretturi ghal kumpanija u mhux wiehed.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu jiddisponi li "Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha, fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappresentanza guridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, risposta guramentata jew skrittura bhal dawk imsemmija".

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li Andre Tabone kien gie awtorizzat mill-*partners* l-ohra (ara dikjarazzjoni u ratifika sussegwenti Dok XX) biex hu jahlef u jipprezenta r-rikors guramentat, ghalhekk "bhal kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji" ma hemm ebda nullita' fil-fatt li Andre Tabone wahdu halef ir-rikors.

Jigi rilevat, ghal kull buon fini, li skond l-artikolu 786(1) tal-Kap 12 anke fil-kaz li kellha tinghata l-eccezzjoni ta' l-illegittimita' tal-persuna li tidher fuq xi att, din l-eccezzjoni ma tistax tinghata kontra wahda mill-persuni msemmijin fil-paragrafu (a) tas-subartikolu 1 ta' l-artikolu 180 u cjoe dwar persuni li jistghu jipprezentaw l-iskritturi.

Inoltre skond l-artikolu 137(4) tal-Kap 386 hemm ipprovvdut ukoll li "Minkejja kull haga li tinsab fil-memorandum jew fl-istatut ta' assocjazzjoni dwar il-mod kif tigi ezercitata r-rapprezentanza tal-kumpannija, kull haga li tkun saret mill-bord tad-diretturi ta' kumpannija li teccedi l-limiti tas-setghat taghhom jew minn xi direttur barra mis-setghat tieghu, tkun torbot lill-kumpannija kemm-il darba l-eghmil ma jeccediex is-setghat moghtija

lill-Bord tad-diretturi jew lil direttur, skond il-kaz, bis-sahha ta’ dan l-Att. Kif ukoll li:

(5) Kull limitazzjoni fuq is-setghat tal-bord tad-diretturi jew ta’ xi direttur tal-kumpannija ma tingiebx bhala prova kontra terzi indipendentement jekk dik il-limitazzjoni, pubblikata jew le, tohrogx mill-memorandum u l-istatut jew minn xi rizoluzzjoni tal-laqgha generali jew minn decizjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija.

Ghalhekk il-Qorti ma ssib li hemm ebda nullita’ f’dan il-kaz, fil-fatt li direttur wiehed biss halef fir-rikors ipprezentat minn Msida Properties meta hu kien awtorizzat li jaghmel hekk.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati
Bl-ispejjez kontra taghom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------